



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2010/0303(COD)**

30.6.2011

## **EMENDI 36 - 146**

**Abbozz ta' rapport  
Knut Fleckenstein**  
(PE464.908v02-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija  
Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima]

Proposta għal regolament – att li jemenda  
(COM(2010)0611 – C7-0343/2010 – 2010/0303(COD))

AM\871820MT.doc

PE467.345v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**



**Emenda 36**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 stabbilixxa Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima] (minn hawn 'il quddiem l-“Aġenzija”) sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-bastimenti.

*Emenda*

1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002, **adottat wara l-aċċident tat-tanker taż-żejt “Erika” u t-tniġġis kbir biż-żejt li kien ikkawżat minn dan l-inċident**, stabbilixxa Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima] (minn hawn 'il quddiem l-“Aġenzija”) sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-bastimenti.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-punt għandu jiġi ppreċiżat biex daww il-persuni li iktar 'il quddiem jistgħu jirreferu għal dan id-dokument b' mod xjentifiku jkunu jafu x'kienet il-kawża li tat bidu għall-inizjattivi tal-istituzzjonijiet Ewropej.*

**Emenda 37**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 ġie emendat wara l-aċċident tal-“Prestige”, b'tali mod li żdiedu l-kompetenzi tal-Aġenzija fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis.**

Or. es

## *Ġustifikazzjoni*

*Dan il-punt għandu jiġi ppreċiżat biex dawk il-persuni li iktar 'il quddiem jistgħu jirreferu għal dan id-dokument b' mod xjentifiku jkunu jafu x'kienet il-kawża li tat bidu għall-inizjattivi tal-istituzzjonijiet Ewropej.*

### **Emenda 38**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 2**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, fl-2007 il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija kkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, f'Ġunju 2008 huwa ħareġ rakkomandazzjonijiet rigward bidliet fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, fl-Aġenzija u fil-prattiki ta' ħidma tagħha.

###### *Emenda*

(2) Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, fl-2007 il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija kkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, f'Ġunju 2008 huwa ħareġ rakkomandazzjonijiet rigward bidliet fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, fl-Aġenzija, ***fl-oqsma ta' kompetenza tagħha*** u fil-prattiki ta' ħidma tagħha.

Or. fr

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-modifika ta' dan ir-Regolament tipprevedi l-allokazzjoni ta' kompetenzi ġodda lill-Aġenzija u għalhekk tittratta d-definizzjoni mill-ġdid tal-oqsma ta' reazzjoni tagħha.*

### **Emenda 39**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 3**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet

###### *Emenda*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet

tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. **Barra minn hekk**, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. **Huma** meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. **Filwaqt li tikkonċentra fuq il-missjonijiet ta' prijorità tagħha relatati mas-sigurtà marittima**, l-Aġenzija għandha, **barra minn hekk**, tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. **Fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji tal-Unjoni, huma** meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit **u biex jiġu evitati l-eċċessi**. Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kapaċitajiet finanzjarji tal-Aġenzija biex tintervieni b' mod effettiv fil-qasam tas-sigurtà marittima m'għandhomx jiġu allokatu għal missjonijiet ġodda. Għalhekk, ġestjoni tal-baġit rigoruża hija kundizzjoni indispensabbli għat-twessigħ tal-kompetenzi tal-Aġenzija.*

#### **Emenda 40**

**Laurence J.A.J. Stassen**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak

##### *Emenda*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak

internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li **terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda** jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li **l-kompiti** l-ġodda **kollha** jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

Or. nl

## **Emenda 41** **Giommaria Uggias**

### **Proposta għal regolament** **Premessa 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

#### *Emenda*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

***F'konformità ma' din il-ħtieġa għal iktar effiċjenza, huwa xieraq li l-Aġenzija tehmeż rapport speċjali mal-baġit ta' kull sena dwar ir-residwi tal-baġit tas-snin preċedenti, fejn jiġu indikati r-raġunijiet għala ma jkunux intużaw dawn ir-riżorsi, kif ukoll il-proċeduri u ż-żmien ta' kif se jintużaw.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija konformi ma' dak li ġie approvat fl-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu dwar il-kwittanza tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-istess EMSA għas-sena finanzjarja 2009.*

**Emenda 42**

**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. ***Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali*** f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda ***jkunu*** koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

*Emenda*

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. ***Il-ħtiġijiet*** f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda ***għandhom kemm jista' jkun ikunu*** koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi evitata żieda bla bżonn tan-numru ta' impjiegi fi ħdan l-Aġenzija, għandu jsir tentattiv biex jiġu koperti l-kompiti l-ġodda, fil-limitu ta' dak li hu possibbli, permezz ta' riallokazzjoni.*

**Emenda 43**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Din ir-riallokazzjoni għandha tkun  
akkumpanjata mill-koordinazzjoni  
meħtieġa mal-aġenziji nazzjonali.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riallokazzjoni tkun iktar effettiva u iktar vijabbli jekk tkun akkumpanjata minn  
koordinazzjoni msaħħa.*

**Emenda 44**  
**Giommaria Uggias**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Sabiex il-kompiti l-ġodda assenjati  
lilha b'dan ir-Regolament jitwettqu  
f'kundizzjonijiet tajba, jeħtieġ li jiżdedu  
r-riżorsi tal-Aġenzija, anke b'mod limitat,  
u huwa għalhekk li għandha tingħata  
attenzjoni partikolari lil dan il-punt matul  
il-proċedura baġitarja.***

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest ta' kriżi ekonomika kbira, jista' jkun jeħtieġ li jsir investiment, anke jekk ikun  
wieħed limitat, fir-riżorsi tal-Aġenzija inkwantu l-kompiti l-ġodda assenjati lilha għandhom  
jgħinu biex jitnaqqsu l-ispejjeż fil-livell nazzjonali.*

**Emenda 45**  
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**



**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE **fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.**

*Emenda*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE ***fil-qasam tas-sigurtà marittima. Dan l-intervent ma jistax jissostitwixxi l-azzjoni tal-Istati Membri fix-xena internazzjonali, speċjalment is-sehem tagħhom fid-diversi organizzazzjonijiet multilaterali u l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija għandha setgħa ta' implimentazzjoni. Dan ifisser li l-intervent tagħha fuq skala internazzjonali għandu jkun immotivat mir-rieda tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni li jiksbu assistenza u apoġġ tekniku dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà marittima .*

**Emenda 46**  
**Nuno Teixeira**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.

*Emenda*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha, ***filwaqt li tippromwovi politika ta' sigurtà marittima tal-UE permezz ta' kooperazzjoni teknika u xjentifika mal-pajjiżi terzi;***

Or. pt

**Emenda 47**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.

*Emenda*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni **u f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea bl-għan li jiġi żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u sikurezza marittima, ta' prevenzjoni tat-tniġġis u ta' reazzjoni f'każ ta' tniġġis marittimu.** Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-Unjoni fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija twettaq il-ħidmiet tagħha f'isem il-Kummissjoni Ewropea, li tiddeċiedi dwar l-implimentazzjoni tal-istandards leġiżlattivi u l-prinċipji tal-Unjoni. B'dan il-mod, l-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri f'kompiti tekniċi u operattivi, sakemm din l-għajjnuna tkun saret talba għaliha. L-Aġenzija m'għandha ebda setgħa li toħloq kompetenzi.*

**Emenda 48**  
**Rolandas Paksas**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.

*Emenda*

(5) L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi li l-Aġenzija tkun tista' taġixxi barra mit-territorju tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha. **Barra minn hekk, hija għandha tikkontribwixxi b'mod attiv għall-istabbiliment ta' politika Ewropea tat-trasport marittimu fi spazju marittimu komuni.**

**Emenda 49**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) L-Aġenzija tappoġġja, fuq talba ta' Stat Membru, u permezz ta' mezzi addizzjonali u b'mod effiċjenti fl-infiq, il-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu, inkluż dak ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass fil-baħar. F'każ ta' tniġġis marittimu f'pajjiż terz, hija għandha tintervieni fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea.*

Or. es

**Emenda 50**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni rigward l-attivitajiet ta' riċerka relatati mal-qasam tal-kompetenzi tagħha. Madankollu, għandu jkun evitat xogħol doppju mal-qafas ta' riċerka eżistenti tal-UE. B'mod partikolari, l-Aġenzija m'għandhiex tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka.

(6) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni **u lill-Istati Membri** rigward l-attivitajiet ta' riċerka relatati mal-qasam tal-kompetenzi tagħha. Madankollu, għandu jkun evitat xogħol doppju mal-qafas ta' riċerka eżistenti tal-UE. B'mod partikolari, l-Aġenzija m'għandhiex tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka.

Or. es

**Emenda 51**  
**Nuno Teixeira**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 6 A (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) Fid-dawl tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda u servizzi innovattivi u tat-titjib tal-applikazzjonijiet diġà eżistenti, ibbażati fuq l-istabbiliment ta' spazju marittimu Ewropew mingħajr konfini, l-Aġenzija għandha tisfrutta bis-siħ il-potenzjal tal-programmi EGNOS, Galileo u GMES.**

Or. pt

**Emenda 52**  
**Rolandas Paksas**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) Wara li skada l-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis marin aċċidentali jew deliberat stabbilit bid-Deċiżjoni 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2000, l-Aġenzija għandha tkompli wħud mill-attivitajiet li wettqet preċedentement taħt il-qafas skadut billi tagħmel użu, b'mod partikolari, mill-kompetenza fi ħdan il-Grupp Tekniku Konsultattiv għall-istat ta' tħejjija u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin.

(7) Wara li skada l-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis marin aċċidentali jew deliberat stabbilit bid-Deċiżjoni 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2000, l-Aġenzija għandha tkompli wħud mill-attivitajiet li wettqet preċedentement taħt il-qafas skadut, **biex tipproteġi l-kosta kollha tal-Unjoni mit-tniġġis ambjentali, kemm jekk ikun intenzjonat u kemm jekk ma jkunx**, billi tagħmel użu, b'mod partikolari, mill-kompetenza fi ħdan il-Grupp Tekniku Konsultattiv għall-istat ta' tħejjija u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. **Għandu jiġi osservat li hija biss l-Aġenzija li ttipprovi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri immaġni, dejta u informazzjoni preċiża oħra li jikkontribwixxu għat-tiħ tal-ġlieda**

**Emenda 53**  
**Juozas Imbrasas**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. L-użu tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru r-reazzjoni għat-tniġġis li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti *lill-Kummissjon* biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

*Emenda*

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. L-użu tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru r-reazzjoni għat-tniġġis li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti *lill-Kummissjoni, fil-limiti tal-kompetenzi tagħha*, biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut *fit-territorju tal-Unjoni u lil hinn minnu*, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

**Emenda 54**  
**Jacqueline Foster**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. ***L-użu tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu*** sabiex ikopru ***r-reazzjoni*** għat-tniġġis li ***toriġina*** minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija ***għandha*** tassisti ***lill-Kummissjon*** biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

*Emenda*

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. ***L-Aġenzija għandha taħdem flimkien mal-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali tal-Istati Membri*** sabiex ikopru ***r-reazzjonijiet*** għat-tniġġis li ***rriżulta*** minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija ***tista'*** tassisti ***l-Istati Membri*** biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

Or. en

**Emenda 55**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. L-użu tal-kapaċitajiet ***ta' reazzjoni*** tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru ***r-reazzjoni għat-tniġġis*** li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjon biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet ***mobbli*** tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-

*Emenda*

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu. L-użu tal-kapaċitajiet tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru ***l-prevenzjoni kif ukoll ir-reazzjoni għal kwalunkwe tniġġis*** li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta; ***dawn il-kapaċitajiet għandhom ikunu disponibbli fl-UE kollha u fil-pajjiżi ġirien***. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjon biex

dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet **kollha** tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

***Dan ir-rwol addizzjonali, li joffri valur miżjud Ewropew billi juża l-għerf u l-kompetenza eżistenti tal-Aġenzija, għandu jkun akkumpanjat mir-riżorsi finanzjarji u tal-istaff xierqa.***

Or. en

**Emenda 56**  
**Giommaria Uggias**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(8a) B'mod partikulari, is-sistema CleanSeaNet, li attwalment tintuża biex tipprovdi evidenza fotografiku tat-tixrid taż-żejt minn bastimenti, għandha tintuża wkoll biex jiġi identifikat u rreġistrat it-tixrid mill-installazzjonijiet mal-kosta u lil hinn mix-xtut.***

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Permezz ta' din l-emenda, il-kontroll fuq wiċċ l-ilma jsir integrali, mingħajr il-possibilità li jiġi ristrett l-ambitu għas-sors tat-tniġġis.*

**Emenda 57**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament  
Premessa 8 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(8a) Biex jinkiseb suq intern tal-Unjoni, għandu jiġi ottimizzat ir-rikors għall-kabotaġġ marittimu u għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tal-bastimenti. Is-sistema “Blue Belt” tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-formalitajiet ta’ tar-rappurtar applikabbli għall-bastimenti kummerċjali meta jkun deklin jew ħerġin mill-portijiet tal-Istati Membri.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*It-tbaħħir tal-bastimenti bejn portijiet differenti tal-UE huwa meqjus bħala vjaġġar internazzjonali, u jimplika spejjeż amministrattivi b’detriment għat-trasport intermodali. Id-Direttiva 2010/65/UE dwar il-formalitajiet ta’ rappurtar applikabbli għall-bastimenti li jkun deklin u/jew ħerġin mill-portijiet tal-Istati Membri (li d-data tat-traspożizzjoni tagħha hija d-19 ta’ Mejju 2012) tissimplifika u tarmonizza proprju l-proċeduri amministrattivi għat-trasport marittimu permezz tat-trażmissjoni elettronika tad-dejta.*

**Emenda 58  
Rolandas Paksas**

**Proposta għal regolament  
Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) L-Unjoni stabbiliet strateġija komprensiva għat-trasport marittimu sal-2018, li tinkludi l-kunċett marittimu-e. Barra minn hekk, qed tiżviluppa netwerk ta’ sorveljanza marittima tal-UE. L-Aġenzija għandha sistemi u applikazzjonijiet marittimi disponibbli li huma ta’ interess għat-twettiq ta’ dawn il-politiki. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tqiegħed is-sistemi u d-dejta għad-dispożizzjoni tas-sħab interessati.

(9) L-Unjoni stabbiliet strateġija komprensiva għat-trasport marittimu sal-2018, li tinkludi l-kunċett marittimu-e. Barra minn hekk, qed tiżviluppa netwerk ta’ sorveljanza marittima tal-UE. L-Aġenzija għandha sistemi u applikazzjonijiet marittimi disponibbli li huma ta’ interess għat-twettiq ta’ dawn il-politiki. ***Biex tilħaq dawn l-għanijiet, is-SafeSeaNet għandha ssir is-sistema bażi għall-għodda kollha ta’ informazzjoni***



*marittima użata fl-ambitu tas-sigurtà marittima u s-sikurezza marittima u tal-protezzjoni tal-ambjent marittimu mit-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti. Barra minn hekk, għandha tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ICT fis-settur tat-trasport marittimu, għandhom jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi xierqa tal-portijiet (“blue ways”) u għandu jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-vapuri u tal-merkanzija (“Blue Belt”) Għalhekk, l-Aġenzija għandha tqiegħed is-sistemi u d-dejta għad-dispożizzjoni tas-sħab interessati u tagħmel mezz li tintegra r-rikors għall-istrumenti ta’ monitoraġġ fl-istituzzjonijiet kollha kkonċernati.*

Or. It

**Emenda 59**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) Għall-fini tal-promozzjoni tal-istabbiliment ta’ spazju marittimu Ewropew uniku, il-prevenzjoni tat-tniġġis marittimu u l-ġlieda kontra dan it-tniġġis, għandhom jinħolqu sinerġiji bejn l-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-implimentazzjoni tal-liġi, speċjalment is-servizzi nazzjonali u/jew reġjonali tal-gwardja tal-kosta.*

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kompetenzi huma mqassmin b’mod differenti f’kull Stat Membru b’tali mod li jkun hemm reġjuni responsabbli mill-ġestjoni tal-gwardja tal-kosta. Huwa għalhekk li jkun aħjar jekk jintuża t-terminu “awtoritajiet kompetenti” minflok it-terminu “awtoritajiet nazzjonali”.*

**Emenda 60**  
**Giommaria Uggias**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) L-Aġenzija tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Unjoni “marittimu-e”, bl-għan li ttejjeb l-effiċjenza tas-settur marittimu permezz tal-aqwa użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni, bla ħsara għas-setgħat tal-awtorità nazzjonali.**

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*It-teknoloġija tal-informazzjoni u dik satellitari jistgħu jikkontribwixxu b' mod sinifikanti għaż-żieda fil-livelli ta' sigurtà marittima u għat-tijeb fl-effiċjenza tas-settur. F'dan ir-rigward, jidher xieraq li tiġi enfasizzata l-importanza tal-inizjattiva li jmiss marittimu-e tal-Kummissjoni, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u/jew sovrappożizzjonijiet mal-kompetenzi tal-Istati Membri.*

**Emenda 61**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) Għall-fini tal-promozzjoni tal-istabbiliment ta' spazju marittimu Ewropew uniku, il-prevenzjoni tat-tniġġis marittimu u l-ġlieda kontra dan it-tniġġis, għandhom jinħolqu sinerġiji bejn l-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-implimentazzjoni tal-liġi, speċjalment is-servizzi nazzjonali u/jew reġjonali tal-gwardja tal-kosta.**

Or. es

**Emenda 62**  
**Jacqueline Foster**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9 a) Għandha titrawwem kooperazzjoni soda bejn l-awtoritajiet ta' infurzar nazzjonali inklużi s-servizzi nazzjonali tal-gwardji tal-kosta biex jiġi miġġieled it-tniġġis tal-baħar.**

Or. en

**Emenda 63**  
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ***ċerti operazzjonijiet*** tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ***l-operazzjonijiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu, filwaqt li tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u Prattiki tajba bejn id-diversi servizzi*** tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-

theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

Or. fr

### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan prinċipali tas-servizzi tal-gwardja tal-kosta huwa li jiżguraw is-sigurtà marittima nazzjonali. Għalhekk, l-intervent tagħhom huwa definit minn strateġija li hija responsabbiltà tal-Istati Membri. Fuq talba tagħhom, l-Aġenzija tista' teżerċita l-kompetenzi tagħha iżda m'għandhiex tiżgura l-koordinazzjoni bejn id-diversi servizzi tal-gwardja tal-kosta fil-qasam tas-sigurtà marittima. Min-naħa l-oħra iżda, l-involvement tagħha fil-ġbir komuni ta' mezzi għall-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu huwa leġittimu u għandu jissaħħaħ.*

### **Emenda 64** **Saïd El Khadraoui**

#### **Proposta għal regolament** **Premessa 10**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddud potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

##### *Emenda*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddud potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu, ***speċjalment*** mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut, ***kif ukoll mill-piraterija.***

**Emenda 65**  
**Peter van Dalen**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward **il-kontroll mill-istat tal-port**, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

*Emenda*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

**Emenda 66**  
**Rolandas Paksas**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet

*Emenda*

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet

oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta ***u biex jinħolqu funzjonijiet komuni tal-protezzjoni tal-kosta tal-Unjoni biex jiġu żgurati s-sigurtà u sikurezza marittima, kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent.*** Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

Or. It

**Emenda 67**  
**Saïd El Khadraoui**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(10a) Biex jiġi miġġieled ir-riskju tal-piraterija li żdied fil-Golf ta' Aden u fil-Punent tal-Oċean Indjan, ikun tajjeb li l-Aġenzija tikkomunika lill-Operazzjoni Atalanta tal-Eunavfor il-pożizzjoni preċiża tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE li jkunu qed ibaħħru f'din iż-żona magħrufa bħala żona ta' riskju għoli. Sal-lum, mhux l-Istati Membri kollha qablu dwar il-komunikazzjoni ta' din id-dejta. Dan ir-Regolament għandu jobbligahom jagħmlu dan, biex jissahhaq ir-rwol tal-Aġenzija fil-ġlieda kontra l-piraterija.***

Or. nl

## Emenda 68

Dominique Vlasto, Dominique Riquet

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Is-sistemi, l-applikazzjonijiet, il-kompetenza u d-dejta tal-Aġenzija huma wkoll ta' rilevanza biex tagħti kontribuzzjoni għall-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008<sup>1</sup>, speċjalment bl-elementi relatati mat-tbaħħir tagħha bħall-ilma tas-saborra, iż-żibel marin **u l-ħsejjes** taħt l-ilma.

##### *Emenda*

(11) Is-sistemi, l-applikazzjonijiet, il-kompetenza u d-dejta tal-Aġenzija huma wkoll ta' rilevanza biex tagħti kontribuzzjoni għall-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet marini skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008<sup>2</sup>, speċjalment bl-elementi relatati mat-tbaħħir tagħha bħall-ilma tas-saborra, iż-żibel marin, **il-ħsejjes** taħt l-ilma **u l-ġlieda kontra l-konsegwenzi tat-tniġġis marittimu fuq il-kosta.**

Or. fr

##### *Ġustifikazzjoni*

*Iż-żona kostali Ewropea għandha tingħata attenzjoni partikolari minħabba l-importanza tagħha fil-livell ambjentali u turistiku. Għalhekk huwa indispensabbli li jiġi kkontrollat it-tbaħħir f'dawn iż-żoni li huma esposti ħafna għar-riskji tat-tniġġis marittimu.*

## Emenda 69

Izaskun Bilbao Barandica

### Proposta għal regolament

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) L-Aġenzija twettaq spezzjonijiet sabiex tassisti lill-Kummissjoni fil-

##### *Emenda*

(12) L-Aġenzija twettaq spezzjonijiet sabiex tassisti lill-Kummissjoni **u lill-Istati**

<sup>1</sup> Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

<sup>2</sup> Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi *tal-UE*. Ir-rwoli tal-Aġenzija, tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-Bord Amministrattiv għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar.

**Membri** fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi *tal-Unjoni*. Ir-rwoli tal-Aġenzija, tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-Bord Amministrattiv għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar.

Or. es

**Emenda 70**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw mill-qrib ***fil-preparazzjoni tal-metodi*** operattivi ta' ħidma tal-Aġenzija rigward l-ispezzjonijiet. Sakemm il-miżuri li jikkonċernaw dawk il-metodi ta' ħidma ma jkunux daħlu fis-seħħ, l-Aġenzija għandha ssegwi l-prattika eżistenti għat-tweqqiq tal-ispezzjonijiet.

*Emenda*

(13) Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw mill-qrib ***biex jippreparaw mill-iktar fis possibbli l-metodi*** operattivi ta' ħidma tal-Aġenzija rigward l-ispezzjonijiet. Sakemm il-miżuri li jikkonċernaw dawk il-metodi ta' ħidma ma jkunux daħlu fis-seħħ, l-Aġenzija għandha ssegwi l-prattika eżistenti għat-tweqqiq tal-ispezzjonijiet.

Or. es

**Emenda 71**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(14a) Dawn il-miżuri kollha, kif ukoll l-azzjoni tal-Aġenzija, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni, għandhom jaħdmu favur l-iżvilupp ta' dak li tabilħaqq ikun spazju marittimu Ewropew.***

*Emenda*



**Emenda 72**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (“l-Aġenzija”). L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni.

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (“l-Aġenzija”). L-Aġenzija għandha taġixxi fl-interess tal-Unjoni **u f’konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea, bl-għan li jiġi żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta’ sigurtà marittima u sikurezza marittima, ta’ prevenzjoni u ta’ reazzjoni f’każ ta’ tniġġis marittimu.**

**Emenda 73**  
**Keith Taylor, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b’livell għoli ta’ kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b’mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, **tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni** tat-tniġġis **ikkawżat mill-bastimenti**, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-

*Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza **loġistika**, teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b’livell għoli ta’ kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b’mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima **inklużi s-salvataġġ u l-assistenza, il-prevenzjoni** tat-tniġġis **tal-baħar u l-promozzjoni tas-sikurezza marittima**, sabiex jimmonitorjaw l-

effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

Or. en

**Emenda 74**  
**Inés Ayala Sender**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 1 - paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni tat-tniġġis **ikkawżat mill-bastimenti**, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

*Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni tat-tniġġis **tal-baħar, inkluż mill-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta, l-iżvilupp ta' spazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli**, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

Or. en

**Emenda 75**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza

*Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza

teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni tat-tniġġis **ikkawżat mill-bastimenti**, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni tat-tniġġis **marittimu**, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

Or. es

**Emenda 76**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1 (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 1 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-objettivi tal-Aġenzija għandhom jintlaħqu b'kooperazzjoni mill-qrib, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' aġenziji u korpi oħra tal-UE fejn ikun mistenni li jkunu hemm sinerġiji – jiġifieri l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) jew l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-TEA).***

Or. en

**Emenda 77**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1 (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 1 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Dawn l-għanijiet għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' dak li tabilħaqq ikun spazju marittimu Ewropew.**

Or. es

## **Emenda 78**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. **Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet** stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu **b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti** elenkati fil-paragrafu 2 **ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni** tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u **tar-reazzjoni** għat-tniġġis marin.

1. **L-għanijiet** stabbiliti fl-Artikolu 1 **jikkostitwixxu l-missjoni ewlenija tal-Aġenzija u għandhom** jintlaħqu **billi jitqiesu bħala prijorità. L-allokazzjoni ta' kompetenzi ġodda tal-Aġenzija** elenkati fil-paragrafu 2 **hija soġġetta għall-eżekuzzjoni xierqa tal-missjonijiet relatati mas-sigurtà u s-sikurezza marittima, mal-prevenzjoni** tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u **mar-reazzjoni** għat-tniġġis marin **fuq talba tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.**

Or. fr

### *Ġustifikazzjoni*

*Id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija hija rilevanti sakemm din jirnexxielha twettaq il-missjonijiet ta' prijorità tagħha bl-istess rigorożità.*

## **Emenda 79**

**Izaskun Bilbao Barandica**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

PE467.345v01-00

28/68

AM\871820MT.doc

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b' mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tar-reazzjoni għat-tniġġis marin.

*Emenda*

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b' mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti ***kif ukoll mill-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass*** u tar-reazzjoni għat-tniġġis marin.

Or. es

**Emenda 80**  
**Antonio Cancian**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b' mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tar-reazzjoni għat-tniġġis marin.

*Emenda*

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b' mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tar-reazzjoni għat-tniġġis marin. ***L-Aġenzija għandha tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif jixraq, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni kif stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 relatati mal-oġettivi tal-Aġenzija, sa fejn l-Aġenzija tkun stabbilixxiet u rrikonoxxiet il-kompetenza u l-għodod. Il-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom:***  
***(a) joħlqu valur miżjud sostanzjat,***  
***(b) jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi,***

*(c) ikunu fl-interess tal-politika tal-Unjoni tat-trasport marittimu,*

*(d) ma jkunux ta' ħsara għall-kompiti ewlenin u għall-baġit tal-Aġenzija*

*(e) ma jiksrux id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-istati tal-bandiera, fl-istati tal-port u l-istati tal-kosta.*

Or. en

**Emenda 81**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni **tat-tniġġis** ikkawżat mill-bastimenti u **tar-reazzjoni għat-tniġġis** marin.

*Emenda*

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni **u r-reazzjoni għat-tniġġis** ikkawżat mill-bastimenti, **l-installazzjonijiet lil ħin mill-kosta u kwalunkwe tniġġis** marin **ieħor**.

Or. en

**Emenda 82**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1 (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 punt b a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b a) billi jinġabru r-riżorsi pubbliċi u r-riżorsi tal-industrija rilevanti kollha għar-rijmedju minn aċċidenti kif ukoll il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Kontinġenza b'dettalji dwar il-mezzi u l-mekkaniżmi tal-kmandi fl-“inventarji ta' reazzjoni” tiegħu sabiex l-Aġenzija jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex taqdi rwol ta' koordinazzjoni fil-każ ta' aċċidenti serji; din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-EMSA biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu aħjar il-livell ta' gravità u r-riskji tal-aċċidenti.*

Or. en

**Emenda 83**  
**Peter van Dalen**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 2 punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*c) fl-għoti tal-assistenza teknika meħtieġa sabiex tiegħu sehem fil-ħidma tal-korpi tekniċi tal-IMO, tal-ILO, tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rilevanti oħrajn;*

*imħassar*

Or. nl

**Emenda 84**  
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

c) fl-għoti **tal-assistenza** teknika meħtieġa sabiex **tieħu** sehem **fil-ħidma** tal-korpi tekniċi tal-IMO, tal-ILO, **tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port** u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rilevanti oħrajn;

#### *Emenda*

c) fl-għoti **ta' kompetenza** teknika, **ta' għodda u informazzjoni rilevanti** meħtieġa **għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni** sabiex **jieħdu** sehem **fit-tħejjija tal-ħidma** tal-korpi tekniċi tal-IMO, tal-ILO u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rilevanti oħrajn;

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kontribut tal-Aġenzija fit-tħejjija tal-ħidma ta' organizzazzjonijiet multilaterali huwa ta' benefiċċju għall-Istati Membri u l-Kummissjoni. Jekk l-involviment tagħha mill-bidu huwa ġġustifikat, l-Aġenzija tiġi ġestita u rrappreżentata mill-Kummissjoni fl-organiżmi tagħha. Fir-rigward tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, l-Aġenzija diġà qed tikkoopera b'mod effettiv mas-Segretarjat permezz tal-provvista ta' sistema ta' informazzjoni. Jekk jiżdied l-involviment tagħha, jista' jsir xogħol doppju.*

## **Emenda 85**

**Inés Ayala Sender**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 - paragrafu 2 punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) **fl-għoti tal-assistenza teknika** meħtieġa sabiex tieħu sehem fil-ħidma tal-korpi tekniċi tal-IMO, tal-ILO, tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rilevanti oħrajn;

#### *Emenda*

(c) **fl-aġġornament u l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet** meħtieġa sabiex tieħu sehem fil-ħidma tal-korpi tekniċi tal-IMO, tal-ILO, tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali rilevanti oħrajn;

Or. en



**Emenda 86**  
**Georgios Koumoutsakos**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 - paragrafu 2 punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE relatati mal-kompiti tal-Aġenzija bħall-Awtostradi tal-Baħar, l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, il-qasam marittimu-e, il-passaġġi interni tal-ilma, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, it-tibdil fil-klima u fl-analiżi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut;*

*imħassar*

Or. en

**Emenda 87**  
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 2 punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE *relatati mal-kompiti* tal-Aġenzija bħall-Awtostradi tal-Baħar, *l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, il-qasam marittimu-e, il-passaġġi interni tal-ilma*, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, *it-tibdil fil-klima u fl-analiżi* tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut;

d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE *meta l-kontribut* tal-Aġenzija *fir-rigward tal-isfidi tas-sigurtà marittima jkun leġittimu u ġġustifikat*, bħall-Awtostradi tal-Baħar, id-Direttiva Kwadru dwar "l-Istrateġija Marina", *l-analiżi* tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, *il-ġlieda kontra t-tniġġis, ir-riċerka xjentifika, l-assistenza teknika lill-pajjiżi terzi u s-sigurtà tal-bastimenti.*

## Ġustifikazzjoni

*Il-kompetenza tal-Aġenzija tippermettilha toffri assistenza fil-qasam tas-sigurtà marittima. Hija operattiva biex tagħti l-kontribut tagħha fi proġetti konkreti u l-involviment tagħha f'politiki li għadhom qed jitfasslu bħall-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli u l-qasam marittimu-e mhuwiex iġġustifikat. It-tibdil fil-klima diġà huwa kkunsidrat fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.*

**Emenda 88****Luis de Grandes Pascual****Proposta għal regolament****Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki *tal-UE* relatati mal-kompiti tal-Aġenzija ***bħall-Awtostradi tal-Baħar, l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, il-qasam marittimu-e, il-passaġġi interni tal-ilma, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, it-tibdil fil-klima*** u fl-analiżi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut;

*Emenda*

d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki *tal-Unjoni* relatati mal-kompiti tal-Aġenzija, ***speċjalment fl-ambitu tas-sigurtà marittima***, u fl-analiżi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut;

## Ġustifikazzjoni

*L-Aġenzija nħolqot primarjament biex tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri f'każ ta' tniġġis tal-ambjent marittimu u biex tiġi żgurata s-sigurtà marittima tal-kosta u tal-ibħra Ewropej. Il-missjonijiet l-oħra jaġhtu valur miżjud globali, iżda mhumiex essenzjali.*

**Emenda 89****Peter van Dalen****Proposta għal regolament****Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 - punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE relatati mal-kompiti tal-Aġenzija bħall-Awtostradi tal-Baħar, l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, il-qasam marittimu-e, ***il-passaġġi interni tal-ilma***, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, it-tibdil fil-klima u fl-analiżi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut;

*Emenda*

d) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE relatati mal-kompiti tal-Aġenzija bħall-Awtostradi tal-Baħar, l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, il-qasam marittimu-e, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, it-tibdil fil-klima u fl-analiżi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut;

Or. nl

**Emenda 90**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 punt d a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***da) fi kwalunkwe politika oħra li tista' tkun f'waqtha fil-limitu tal-kompetenzi u tal-għarfien tagħha;***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess kummenti bħal dawk tal-emenda relatata mal-Artikolu 1(1)(a).*

**Emenda 91**

**Giommaria Uggias**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

e) ***fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE relatati mal-kompiti tal-Aġenzija bħall- “Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà” (GMES) u l-programmi ta’ kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew;***

e) ***fir-rigward tal-“Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà” (GMES), il-promozzjoni tal-użu tas-servizzi u d-dejta tal-GMES bi skopijiet marittimi, fl-ambitu tal-istruttura organizzattiva eżistenti tal-GMES;***

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*It-teknoloġija tal-informazzjoni u dik satellitari jistgħu jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għaż-żieda fil-livelli ta’ sigurtà marittima u għat-titjib fl-effiċjenza tas-settur. F’dan ir-rigward, jidher xieraq li tiġi enfasizzata l-importanza tal-inizjattiva li jmiss marittimu-e tal-Kummissjoni, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u/jew sovvrappożizzjonijiet mal-kompetenzi tal-Istati Membri.*

**Emenda 92**  
**Antonio Cancian**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(f) fl-analiżi tal-proġetti ta’ riċerka li għadhom għaddejjin u li tlestew li huma rilevanti għall-oqsma ta’ attività tal-Aġenzija; dan għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta’ miżuri regolatorji ta’ segwitu possibbli li jirriżultaw minn proġetti speċifiċi ta’ riċerka ***u l-identifikazzjoni ta’ temi u ta’ prijoritajiet prinċipali għal iktar riċerka fuq il-livell tal-UE;***

(f) fl-analiżi tal-proġetti ta’ riċerka li għadhom għaddejjin u li tlestew li huma rilevanti għall-oqsma ta’ attività tal-Aġenzija; dan għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta’ miżuri regolatorji ta’ segwitu possibbli li jirriżultaw minn proġetti speċifiċi ta’ riċerka;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-identifikazzjoni tat-temi ewlenin m’għandhiex tfisser kompitu għall-EMSA; istituzzjonijiet*

*oħra tal-UE huma responsabbli għal dan. Id-duplikazzjoni għandha tiġi evitata.*

**Emenda 93**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 punt f a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***fa) fl-organizzazzjoni fil-livell Ewropew, fejn ikun xieraq, ta' pjanijiet ta' taħriġ rilevanti fl-oqsma li huma r-responsabbilità tagħha;***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda relatata mal-Artikolu 2(3)(a).*

**Emenda 94**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 2 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-kontribut tal-Aġenzija fit-twertiq tal-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 għandu jingħata fuq talba tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni u għandu jagħti valur miżjud reali fid-dawl tal-kompetenzi tagħha, tal-għarfien espert tagħha u tal-esperjenza tagħha fl-oqsma previsti fl-Artikolu 1.***

Or. fr

## *Ġustifikazzjoni*

*L-intervent tal-Aġenzija f'oqsma ġodda għandu jsir wara evalwazzjoni preċiża tal-ħtiġijiet mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dan il-metodu jippermetti lill-Aġenzija tistabbilixxi pjan ta' azzjoni effettiva u rilevanti fl-oqsma identifikati u kkonċernati.*

### **Emenda 95**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**a) torganizza, fejn ikun xieraq, attivitajiet ta' taħriġ rilevanti f'oqsma li huma r-responsabbiltà tal-Istat tal-port, tal-Istat tal-bandiera u tal-Istat ta' mal-kosta;**

**imħassar**

Or. fr

## *Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija għandha għerf kbir fil-qasam tas-sigurtà marittima. Għalhekk huwa leġittimu li jsir skambju ta' dan l-għarf billi jiġu stabbiliti pjanijiet ta' taħriġ għall-baħħara. Dan il-metodu ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni se jkun ta' benefiċċju għat-titjib tas-sigurtà marittima u għat-tnaqqis tat-tniġġis marittimu. Madankollu, huwa f'idejn il-Kummissjoni u mhux f'idejn l-Istati Membri li jmexxu l-organizzazzjoni ta' tali taħriġ.*

### **Emenda 96**

**Giommaria Uggias**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**b) tiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi, inkluż l-għoti ta' servizzi rilevanti u tipprovdi assistenza teknika relatata mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE;**

**b) tiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi, inkluż l-għoti ta' servizzi rilevanti u tipprovdi assistenza teknika relatata mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE;**

*b'mod partikolari, għal raġunijiet ta' effiċjenza, ikun xieraq li s-sistema CleanSeaNet, li qed tintuża bħalissa biex tipprovdi evidenza fotografika ta' tixrid taż-żejt minn bastimenti, tintuża wkoll biex tiskopri u tirreġistra t-tixrid mill-installazzjonijiet tal-kosta u lil hinn mill-kosta;*

Or. it

### *Ġustifikazzjoni*

*Permezz ta' din l-emenda, il-kontroll isir integrali fuq wiċċ l-ilma, mingħajr il-possibilità li jiġi ristrett l-ambitu għas-sors tat-tniġġis. L-appell ta' dan il-prinċipju, li diġà ssemma fil-premessa 8a f'dan l-artikolu, jistabbilixxi valur ewlieni b'rabta mat-test.*

### **Emenda 97** **Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 3 punt b a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*ba) twettaq il-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni f'isem l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/15/KE;*

Or. es

### **Emenda 98** **Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 3 punt b a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***bb) tgħin fil-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu kompiti ta' ċertifikazzjoni f'isem l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/15/KE, bla ħsara għad-drittijiet u d-dmirijiet tal-Istat tal-Bandiera u taħt il-monitoraġġ tal-Kummissjoni Ewropea;***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija diġà tassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u din l-emenda tipproponi li hija tagħti assistenza anke lill-Istati Membri, filwaqt li tibqa' taħt il-kontroll tal-Kummissjoni. Tali mekkaniżmu jiżgura iktar effikaċja u jnaqqas il-pressjoni fuq il-baġits tal-Istati Membri.*

## **Emenda 99**

**Luis de Grandes Pascual**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt b b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***bb) tgħin lill-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti previsti fl-Artikoli 3, 5, 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) 391/2009, u tagħtiha pariri dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi definita aħjar l-assistenza pprovduta lill-Kummissjoni Ewropea mill-Aġenzija bl-għan li jiġu inklużi espressament id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 391/2009, billi huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat ir-rispett ta' dan ir-Regolament.*



## Emenda 100

Dominique Vlasto, Dominique Riquet

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

c) tappoġġja b'mezzi addizzjonali u b'mod effiċjenti fl-infiq, permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom, l-azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis tagħhom f'każ ta' tniġġis marin aċċidentali jew deliberat, meta tkun tressqet talba ta' din ix-xorta; f'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istat Membru affetwat li l-operazzjonijiet ta' tindif qed isiru taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

#### *Emenda*

c) tappoġġja b'mezzi addizzjonali u b'mod effiċjenti fl-infiq, permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom, l-azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis tagħhom f'każ ta' tniġġis marin aċċidentali jew deliberat, meta tkun tressqet talba ta' din ix-xorta; f'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istat Membru affetwat ***billi tipprovdi mezzi tekniċi xierqa***, li l-operazzjonijiet ta' tindif qed isiru taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

Or. fr

## Emenda 101

Dominique Vlasto, Dominique Riquet

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***cb) tappoġġja l-azzjonijiet li jwettqu fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffiku illegali u l-piraterija, billi tipprovdi dejta u informazzjoni li jistgħu jiffaċilitaw l-operazzjonijiet;***

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Aġenzija għandha strumenti u dejta, b'mod partikolari satellitari, li jistgħu jintużaw mill-*

*Istati Membri fl-ambitu tal-monitoraġġ tat-tbaħħir illegali.*

**Emenda 102**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ca) tappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej biex jitjiebu l-kompetenzi tal-baħħara u biex jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti tas-settur tat-trasport;***

Or. es

**Emenda 103**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ca) tiġbor u tanalizza d-dejta dwar il-kwalifiki u l-impjegi tal-baħħara fil-livell nazzjonali, bl-għan li tkun tista' ssir il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fit-taħriġ tal-baħħara fil-livell Ewropew;***

Or. es

**Emenda 104**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**

PE467.345v01-00

42/68

AM\871820MT.doc

Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) L-Aġenzija għandha ttipprova  
verifika indipendenti minn parti terza tal-  
valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali,  
filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lill-  
valutazzjoni ta' installazzjonijiet lil hinn  
mill-kosta li m'għadhomx jintużaw  
pereżempju rigġijiet u pajplajns;*

Or. en

**Emenda 105**  
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*cb) tikkontribwixxi bl-għarfien tekniku  
tagħha fil-qasam tal-bini tal-bastimenti u  
ta' kwalunkwe attività oħra relatata mat-  
traffiku marittimu li tiġġustifikah, biex  
jiġi żviluppat l-użu ta' teknoloġiji li  
jirrispettaw l-ambjent u biex jiġi żgurat  
livell għoli ta' sigurtà;*

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu, il-ħarsien tas-sigurtà marittima u l-protezzjoni tal-ambjent għandhom jingħataw attenzjoni partikolari fl-istandards dwar il-konstruzzjoni tal-“bastimenti tal-futur”. Fil-qasam tal-bini tal-bastimenti, l-Aġenzija tista' għalhekk tikkontribwixxi bl-għarfien tagħha dwar dawn il-kwistjonijiet.*

**Emenda 106**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***cb) tistabbilixxi ċertifikati marittimi b'kollaborazzjoni mal-akkademji għat-taħriġ u l-industrija. Għal dan l-għan, ikun tajjeb li tiġi studjata l-possibbiltà li jinħoloq netwerk ta' istituzzjonijiet għat-taħriġ marittimu;***

Or. es

**Emenda 107**

**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***cc) tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' skola Ewropea li ssir il-punt ta' referenza bħala skola marittima ta' eċċellenza;***

Or. es

**Emenda 108**

**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c d (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***cd) tippermetti l-koordinazzjoni xierqa tal-akkademji ta' taħriġ bl-għan li jiġu***

**Emenda 109**

**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 3 punt c e (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ce) tiffaċilita l-ħolqien ta' sistema ta' skambji bħall-Erasmus bejn l-akkademji għat-taħriġ marittimu.***

**Emenda 110**

**Giommaria Uggias**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

a) fil-qasam tal-monitoraġġ tat-traffiku, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati ta' xtut ix-xmajjar fiż-żoni ta' tbaħħir kkonċernati fl-oqsma koperti mid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> kif ukoll tiżviluppa u topera kwalunkwe sistema ta' informazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dik id-Direttiva. Barra minn hekk, għandha tagħti kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-

a) fil-qasam tal-monitoraġġ tat-traffiku, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati ta' xtut ix-xmajjar fiż-żoni ta' tbaħħir kkonċernati fl-oqsma koperti mid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> kif ukoll tiżviluppa u topera kwalunkwe sistema ta' informazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dik id-Direttiva. ***B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżviluppa u topera ċ-Ċentru tad-Dejta LRIT u s-sistema tal-iskambju tal-***

<sup>1</sup> ĠU L 208 tal-5.8.2002, p.10.

<sup>2</sup> ĠU L 208 tal-5.8.2002, p.10.

Informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE;

*informazzjoni SafeSeaNet imsemmija fl-Artikoli 6b u 22 ta' din id-Direttiva, kif ukoll is-sistema tal-iskambju tad-dejta LRIT, f'konformità mal-impenji li ħadet l-IMO. Barra minn hekk, għandha tagħti kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE;*

Or. it

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-teknoloġija tal-informazzjoni u dik satellitari jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għaż-żieda fil-livelli ta' sigurtà marittima u għat-tijib fl-effiċjenza tas-settur. F'dan ir-rigward, jidher xieraq li jiġi enfasizzat ir-rwol importanti tal-Aġenzija fil-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-ġestjoni taċ-Ċentru tad-Dejta LRIT u s-sistema SafeSeaNet.*

#### **Emenda 111** **Saïd El Khadraoui**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 4 - punt a a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*aa) fil-qasam tal-iskambju tal-informazzjoni mal-operazzjoni Atalanta tal-Eunavfor, bl-għan li tiġi offruta protezzjoni mill-piraterija tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE u li jkunu qed ibaħħru fiż-żoni meqjusa bħala żoni ta' riskju għoli, speċjalment permezz tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS - Automatic Identification System) tal-bastimenti tagħha, li taħdem abbażi ta' immaġni satellitari. L-Istati Membri huma marbuta jagħtu l-awtorizzazzjoni tagħhom lill-Aġenzija bl-għan li tiġi skambjata din l-informazzjoni mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;*

Or. nl

**Emenda 112**  
**Zigmantas Balčytis**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 4 punt a a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***aa) tiżviluppa u timplimenta politika makroreġjonali tal-Unjoni b'rabta mal-oqsma ta' attività tal-Aġenzija, bħall-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar Baltiku;***

Or. It

**Emenda 113**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 4 punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Aġenzija għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twettiq tal-investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma.

b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, l-Aġenzija għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twettiq tal-investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma. ***Barra minn hekk, l-Aġenzija hija mistiedna tappoġġja lill-Istati Membri meta jinvestigaw l-aċċidenti fejn ikunu involuti l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-***

<sup>1</sup> ĠU L131 tat-28.5.2009, p.114.

*gass;*

Or. es

## **Emenda 114**

**Georgios Koumoutsakos**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Aġenzija għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twertiq tal-investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma;

#### *Emenda*

(b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Aġenzija għandha, ***jekk issir talba għal dan mill-Istati Membri kompetenti,*** ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twertiq tal-investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma;

Or. en

## **Emenda 115**

**Giommaria Uggias**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Aġenzija għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twertiq tal-

#### *Emenda*

b) rigward l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi skont id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Aġenzija għandha ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-twertiq tal-



investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma;

investigazzjonijiet relatati ma' aċċidenti marittimi serji u għandha twettaq analiżi tar-rapporti dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti sabiex ikun identifikat il-valur miżjud fuq il-livell tal-UE f'termini tal-lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma. ***F'dan ir-rigward, l-Aġenzija hi mistiedna takkumpanja lill-Istati Membri matul l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-aċċidenti li għandhom x'jaqsmu mal-installazzjonijiet marittimi (mal-kosta u lil hinn mill-kosta) u dawn l-Istati Membri huma mistiedna jikkooperaw kemm jista' jkun f'waqtu mal-Aġenzija;***

Or. it

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda titlob disponibilità akbar min-naħa tal-Istati Membri biex jikkooperaw, li xi kultant jistgħu jirrifjutaw jew idumu biex jagħtu l-appoġġ immedjat tagħhom.*

#### **Emenda 116**

**Luis de Grandes Pascual**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 punt b a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ba) f'każ ta' tixrid taż-żejt ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass fil-baħar, l-Aġenzija għandha tagħti l-għajnuna tagħha, fuq talba tal-Istati Membri u wara li tkun infurmat lill-Kummissjoni, billi tuża s-servizz tagħha CleanSeaNet biex tikkontrolla l-firxa u l-impatt ambjentali ta' dan it-tixrid taż-żejt;***

Or. es

**Emenda 117**  
**Carlo Fidanza**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) meta tipprovdi statistiċi, informazzjoni u dejta oġġettivi, affidabbli u paragonabbli, l-Aġenzija għandha tagħti possibbiltà lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jtejbu l-azzjonijiet tagħhom u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri eżistenti. Kompiti ta' din ix-xorta għandhom jinkludu l-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dejta teknika, l-użu sistematiku tal-bażijiet tad-dejta eżistenti, fost l-oħrajn billi jiddakkru minn xulxin u, fejn ikun xieraq, l-iżvilupp ta' bażijiet tad-dejta addizzjonali. Fuq il-bażi tad-dejta miġbura, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-bastimenti skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>. L-Aġenzija għandha tassisti wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-attivitajiet tagħhom sabiex itejbu l-identifikazzjoni u l-insegwiment tal-bastimenti li jagħmlu rimi illegali fil-kuntest tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Emenda*

(c) meta tipprovdi statistiċi, informazzjoni u dejta oġġettivi, affidabbli u paragonabbli, l-Aġenzija għandha tagħti possibbiltà lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jtejbu l-azzjonijiet tagħhom u jevalwaw l-effikaċja **u l-kosteffiċjenza** tal-miżuri eżistenti. Kompiti ta' din ix-xorta għandhom jinkludu l-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dejta teknika, l-użu sistematiku tal-bażijiet tad-dejta eżistenti, fost l-oħrajn billi jiddakkru minn xulxin u, fejn ikun xieraq, l-iżvilupp ta' bażijiet tad-dejta addizzjonali. Fuq il-bażi tad-dejta miġbura, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-bastimenti skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>. L-Aġenzija għandha tassisti wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-attivitajiet tagħhom sabiex itejbu l-identifikazzjoni u l-insegwiment tal-bastimenti li jagħmlu rimi illegali fil-kuntest tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

**Emenda 118**  
**Georgios Koumoutsakos**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 punt c a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-proġetti tal-UE relatati mal-kompiti tal-Aġenzija bħall-Awtostradi tal-Baħar, l-ispazju marittimu Ewropew mingħajr ostakoli, speċjalment il-proġett “Blue Belt”, u l-marittimu-e b’mod partikolari billi jitwettaq il-proġett ta’ “interface” unika u l-aġġornament tas-Safe Sea Net, jekk ikun meħtieġ.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-valur miżjud tal-UE jinħoloq bl-ġhodka eżistenti tal-EMSA bħas-Safe Sea Net u mhux billi jingħataw kompiti ġodda lill-EMSA li fir-rigward tagħhom la għandha l-kompetenza u lanqas l-ġhodka biex twettaqhom.*

**Emenda 119**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. L-Aġenzija għandha tiġbor studju ġenerali ta’ kull sena, imwettaq mill-korpi nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri, dwar l-aċċidenti u l-kważi aċċidenti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istudju ġenerali se jkun appoġġjat mid-database li l-EMSA qed tfejji bħalissa (ara l-Artikolu 17 u l-Anness II tad-Direttiva 2009/18 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta’ inċidenti fis-settur tat-trasport marittimu). Dan se jipprovdi ħarsa ġenerali xierqa fil-livell tal-UE u jipprovdi kontribut siewi biex jittieħdu iktar azzjonijiet mill-UE.*

**Emenda 120**  
**Peter van Dalen**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.**

*imħassar*

**Fuq talba tal-Kummissjoni wkoll, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis marin aċċidentali jew deliberat li jaffetwa lil dawn l-Istati, permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom b'mod simili għall-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif inhu msemmi fil-paragrafu (3)(c) ta' dan l-Artikolu.**

**Dawn il-kompiti għandhom jiġu kkoordinati mal-programmi reġjonali ta' kooperazzjoni eżistenti u għandhom jinkludu, fejn ikun xieraq, l-organizzazzjoni tal-attivitajiet rilevanti ta' taħriġ.**

Or. nl

**Emenda 121**  
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 2 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha ttiprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew **u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.**

*Emenda*

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha ttiprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew, **speċjalment lill-pajjiżi terzi max-xatt tax-xmajjar tal-ispazju marittimu Ewropew, speċjalment fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.**

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kompetenzi tal-Aġenzija fil-qasam tas-sigurtà marittima u tal-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu jistgħu jkunu utli għall-pajjiżi terzi, li għandhom għalhekk jingħataw attenzjoni partikolari. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda relatata mal-Artikolu 2(2)(c).*

**Emenda 122**

**Georgios Koumoutsakos**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 1 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija **għandha** ttiprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

*Emenda*

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija **tista'** ttiprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew, **kif u meta applikabbli, u** lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Or. en

**Emenda 123**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

*Emenda*

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika rigward l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, lill-pajjiżi kollha sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Aġenzija jkollha aċċess miftuħ għar-rappurtar rilevanti kollu dwar il-kontroll tal-istat tal-port.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan se jiġi appoġġjat ħafna minn programmi bħal THETIS, il-ktieb tal-każijiet ta' aċċidenti marittimi.*

**Emenda 124**  
**Georgios Koumoutsakos**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fuq talba tal-Kummissjoni wkoll, l-Aġenzija ***għandha*** tipprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis marin aċċidentali jew deliberat li jaffetwa lil dawn l-Istati,

*Emenda*

Fuq talba tal-Kummissjoni wkoll, l-Aġenzija ***tista'*** tipprovdi assistenza ***operattiva u teknika*** f'każ ta' tniġġis marin aċċidentali jew deliberat li jaffetwa lil

permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom b'mod simili għall-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif inhu msemmi fil-paragrafu (3)(c) ta' dan l-Artikolu.

dawn l-Istati, permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom b'mod simili għall-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif inhu msemmi fil-paragrafu (3)(c) ta' dan l-Artikolu.

Or. en

## **Emenda 125**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha u sabiex tassisti lill-Kummissjoni biex twettaq dmirijietha skont it-Trattat, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri.

#### *Emenda*

Sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha u sabiex tassisti lill-Kummissjoni biex twettaq dmirijietha skont it-Trattat, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri, ***esklussivament fuq talba tal-Kummissjoni.***

Or. fr

## **Emenda 126**

**Carlo Fidanza**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 3 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn ikun xieraq, u jkun xi jkun il-każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' spezzjonijiet, l-

#### *Emenda*

3. Fejn ikun xieraq, u jkun xi jkun il-każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' spezzjonijiet, l-

Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kummissjoni għal iktar diskussjonijiet mal-Istati Membri.

Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effikaċja **u l-kosteffiċjenza** tal-miżuri stabbiliti. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kummissjoni għal iktar diskussjonijiet mal-Istati Membri.

Or. en

**Emenda 127**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Minħabba l-esperjenza estensiva tal-EMSA fit-trattament tal-prevenzjoni tal-aċċidenti taż-żejt, attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' identifikazzjoni, kif ukoll spezzjonijiet u verifiki tal-bastimenti fil-livell tal-UE, il-mandat tal-Aġenzija għandu jiġi estiż għal pjattaformi taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta; l-EMSA għandha tkun l-istituzzjoni maħtura li twettaq spezzjoni magħmula minn parti terza indipendenti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-ispezzjonijiet tal-industrija jeħtieġu li jiġu verifikati minn parti terza indipendenti – f'dan il-każ l-EMSA.*

**Emenda 128**  
**Keith Taylor**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**



Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 3 – paragrafu 3 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3b. Meta jitwettqu dawn l-ispezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tivverifika wkoll jekk ikunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għal-liċenzji għal attivitajiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.***

Or. en

**Emenda 129**  
**Juozas Imbrasas**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 2**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv.

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv. ***Il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi tali ċentri reġjonali unikament jekk l-Istat ikkonċernat jiffinanzja l-ħolqien u ż-żamma tagħhom.***

Or. lt

**Emenda 130**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 2**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv **jista'** jiddeċiedi, bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv.

*Emenda*

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv **għandu** jiddeċiedi, bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv.

Or. es

**Emenda 131**

**Georgios Koumoutsakos**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv.

*Emenda*

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija **msemmija fl-Artikolu 2 (3)** jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv **u billi jiġi stabbilit l-iskop preċiż tal-attivitajiet taċ-ċentru reġjonali filwaqt li jiġu evitati spejjeż finanzjarji mhux meħtieġa.**

Or. en

**Emenda 132**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 5 – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha. F'isem l-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jikkonkludi ftehimiet amministrattivi ma' korpi oħrajn li jaħdmu fl-oqsma tal-attivitajiet tal-Aġenzija **wara li jkun informa** lill-Bord Amministrattiv.

*Emenda*

4. L-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha. F'isem l-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jikkonkludi ftehimiet amministrattivi ma' korpi oħrajn li jaħdmu fl-oqsma tal-attivitajiet tal-Aġenzija **bil-qbil tal-Bord** Amministrattiv.

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-involviment tal-Bord Amministrattiv fl-istrateġija tal-Aġenzija jippermetti li jsir titjib fit-tmexxija u l-effikaċja tal-Aġenzija. Biex ir-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv jiġu enfasizzati biex ikollhom iktar viżibilità, id-deċiżjonijiet tiegħu ma jistgħux jittieħdu mingħajr il-qbil tal-Bord Amministrattiv.*

**Emenda 133**

**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 3a**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 10 - paragrafu 2- punt ca

*Test propost mill-Kummissjoni*

ca) jadotta strateġija multiannwali għall-Aġenzija li tkopri perjodu ta' ħames snin bil-quddiem fejn jieħu inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni;

*Emenda*

ca) jadotta strateġija multiannwali għall-Aġenzija li tkopri perjodu ta' ħames snin bil-quddiem fejn jieħu inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni **u tal-Parlament**;

Or. fr

**Emenda 134**

**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 - punt 3a**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) Fl-Artikolu 11, fil-paragrafu 1, is-subparagrafu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:*

**Il-Membri tal-bord għandhom jiġu appuntati abbażi tal-lawrea tagħhom ta' esperjenza relevanti fil-kamp tas-sigurtà marittima, tas-sikurezza marittima u tar-reazzjoni għat-tniġġis marittimu. Huma għandu jkollhom ukoll esperjenza u kompetenzi tekniċi fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja inġenerali, tal-amministrazzjoni u tal-ġestjoni tar-riżorsi umani.**

Or. es

**Emenda 135**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 11 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:*

**4. Meta approprjat, il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi, filwaqt li tiġi rrispettata l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u l-kondizzjonijiet tagħhom għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' arranġamenti msemmija fl-Artikolu 17(2).**

Or. es

**Emenda 136**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 11– subparagrafu 2 a ġdid

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fl-Artikolu 11, għandu jiġi miżjud is-subparagrafu 2a:*

*2a) Il-kompożizzjoni tal-Bord Amministrattiv għandha tirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.*

Or. es

**Emenda 137**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 3 c (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 12 – subparagrafu 1 a ġdid

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fl-Artikolu 12, għandu jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:*

*1a) Għandu jiġi rispettat il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħatra tal-President u tal-Viċi President.*

Or. es

**Emenda 138**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 4 – punt b a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1406/2022  
Artikolu 15 – subparagrafu 2 f a ġdid

*Fl-Artikolu 15, fil-paragrafu 2(f), għandu jiġi miżjud il-punt a li ġej:*

*fa) ovvjament fuq talba tiegħu jew fuq talba tal-Parlament Ewropew, fejn ikun xieraq, mill-Kumitat permanenti rilevanti. Huwa għandu jikkomunika wkoll l-aġendi u l-minuti biex tiġi żgurata t-trasparenza totali tal-Aġenzija.*

Or. es

**Emenda 139**  
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 5**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 16 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkollhom id-

*Emenda*

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, ***filwaqt li tiġi rrispettata l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa***, fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti ***u mill-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass***, u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu

dritt tal-vot.

b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot.

Or. es

## **Emenda 140**

**Luis de Grandes Pascual**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis **ikkawżat mill-bastimenti** u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot.

#### *Emenda*

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot.

Or. es

## **Emenda 141**

**Izaskun Bilbao Barandica**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni pożitiva mingħand il-Bord Amministrattiv.

#### *Emenda*

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru, ***filwaqt li tiġi rrispettata l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa***, fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni pożitiva mingħand il-Bord Amministrattiv.

Or. es

## **Emenda 142**

**Luis de Grandes Pascual**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ***ikkawżat mill-bastimenti*** u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li

#### *Emenda*

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni



jkun irċieva opinjoni pożitiva mingħand il-Bord Amministrattiv.

pożitiva mingħand il-Bord Amministrattiv.

Or. es

**Emenda 143**  
**Carlo Fidanza**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 22 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. F'intervalli regolari u għall-inqas kull ħames snin, il-Bord Amministrattiv għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni li din tal-aħħar tikkunsidraha rilevanti għal dik l-evalwazzjoni.

*Emenda*

1. F'intervalli regolari u għall-inqas kull ħames snin, il-Bord Amministrattiv għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***filwaqt li jivvaluta r-rilevanza, l-effikaċja u l-kosteffiċjenza tagħha***. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni li din tal-aħħar tikkunsidraha rilevanti għal dik l-evalwazzjoni.

Or. en

**Emenda 144**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 22 – paragrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u lill-Kunsill studju dwar il-fattibilità ta' sistema ta' koordinazzjoni***

*tas-servizzi nazzjonali tal-gwardja tal-kosta, li juri l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' tali sistema.*

*Dan ir-rapport għandu, jekk ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.*

Or. es

**Emenda 145**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 7**  
Regolament (KE) Nru 1406/2002  
Artikolu 22 – paragrafu 1 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. Fi żmien [tliet] snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jstipula kif l-Aġenzija wettqet r-responsabilitajiet addizzjonali assenjati minn dan ir-Regolament u l-każ biex l-objettivi u l-kompiti tagħha jkomplu jiġu estiżi. B'mod partikolari, dan ir-rapport għandu jinkludi:*

*(a) analiżi tal-kisbiet fl-effikaċja li twettqu permezz ta' integrazzjoni akbar tal-Aġenzija u l-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi.*

*(b) studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-ispezzjonijiet mill-Aġenzija tal-installazzjonijiet lil hinn mix-xtut bħala “sorveljanza indipendenti minn terzi”;*

*(c) informazzjoni dwar l-effikaċja u l-konsistenza tal-infurzar tad-Direttiva 2005/35/KE min-naħa tal-Istati Membri u informazzjoni statistika dettaljata dwar is-sanzjonijiet li ġew applikati;*

*Dan ir-rapport għandu, jekk ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta*

**Emenda 146**  
**Inés Ayala Sender**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 7 a (ġdid)**  
Regolament Nru 1406/2002  
Artikolu 22 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7 a) Għandu jżied l-Artikolu 22a (ġdid)**

**“Artikolu 22a**

**Korp ta’ konsultazzjoni dwar is-sigurtà marittima**

**1. Bla ħsara għar-rwol tal-Kumitat, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi “Korp ta’ konsultazzjoni dwar is-sigurtà marittima” (MSCB), għal liema għandhom jappartjenu r-rappreżentanti tas-sidien tal-bastimenti, it-tarzni, is-soċjetajiet ta’ klassifikazzjoni, l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-korpi professjonali tal-persunal u t-trejdjunjins.**

**2. L-MSCB għandu jgħin lill-Aġenzija. L-MSCB għandu d-dritt jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti pariri u jagħmel proposti fir-rigward tal-ħidma tal-Aġenzija u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri.**

**3. L-MSCB għandu jkun korp indipendenti ta’ mhux iktar minn 15-il rappreżentant li jirrapreżentaw il-pluralità tal-partijiet interessati rilevanti fis-settur marittimu. L-MSCB għandu jiltaqa’ mill-inqas darbtejn f’sena.**

**4. L-Aġenzija għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-MSCB, kwalunkwe informazzjoni rilevanti, sabiex iwettaq il-**

*kompi tiġġu.”*

Or. en